MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 8/2004/1

**Marco Vella**

**v.**

**Pauline Cassar, l-Avukat Dott. Renzo Porsella-Flores u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici nominati b'digriet tal-11 ta' Frar 2004 bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lit-tifla minuri Natashia bint Pauline Cassar, Anthony Cassar u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur li tghid hekk:

“Premess illi kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid numru sebghin (70) tas-sena elfejn u erbgha (2004), hawn anness u mmarkat bhala Dok. “A”, nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) twieldet Nathashia Cassar, f’liema certifikat tat-twelid hemm dikjarat illi missierha huwa l-konvenut Anthony Cassar filwaqt li ommha hija l-konvenuta Pauline Cassar;

“Premess illi ghalkemm fil-mument tat-twelid u tal-koncepiment tal-minuri l-konjugi Pauline u Anthony Cassar kien ghandhom m’humiex legalment separati (ghalkemm diga’ kienu avvjati proceduri ghal separazzjoni gudizzjarja, liema proceduri ghadhom pendenti quddiem din il-Qorti), pero` l-istess konvenuti Anthony Cassar u Pauline Cassar kienu ilhom separati *de facto* ghal numru ta’ snin u fil-fatt il-minuri Natashia Cassar twieldet minn relazzjoni extra-matrimonjali li kellha l-konvenuta Pauline Cassar ma’ l-attur Marco Vella;

“Premess illi l-konvenut Anthony Cassar m’huwiex il-missier naturali ta’ l-attrici Natashia Cassar, izda huwa l-attur Marco Vella li huwa l-missier naturali, kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“Premess illi ghaldaqstant l-attrici Natashia Cassar m’ghandiex stat konformi ma’ l-att tat-twelid taghha kif fuq imsemmi;

“Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-minuri Natashia Cassar mhix il-wild naturali tal-konvenut Anthony Cassar kif hemm indikat fl-att tat-twelid tal-imsemmija attrici Natashia Cassar numru sebghin (70) tas-sena elfejn u erbgha (2004) izda hija t-tifla tal-attur Marco Vella;

“2. Tiddikjara illi, ghal dak li jirrigwarda l-paternita` taghha, l-imsemmija minuri Natashia Cassar m’ghandhiex stat konfromi ma’ l-att tat-twelid taghha numru sebghin (70) tas-sena elfejn u erbgha (2004);

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel il-korrezzjoni opportuna fl-att tat-twelid numru sebghin (70) tas-sena elfejn u erbgha (2004) billi fil-paragrafi kollha li jirrigwardaw it-taghrif dwar missier l-minuri, jithassar l-isem tal-konvenut Anthony Cassar u d-dettalji kollha dwaru u jissostitwihom bid-dettalji kollha tal-attur Marco Vella, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 170671(M), fl-att tat-twelid tal-minuri B li jgib in-numru sebghin (70) tas-sena elfejn u erbgha (2004);

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Pauline Cassar (fol. 19) li in forza taghha eccepiet illi:
"1. Illi peress illi hija ilha f'relazzjoni mal-attur ghal dawn l-ahhar sentejn u nofs, peress li ilha tikkoabita ma' l-istess sa minn Settembru 2001, peress illi hija kellha relazzjoni sesswali ma' l-istess attur u peress illi hija ilha snin shah li qatghet kull kuntatt ma' zewgha l-konvenut Anthony Cassar hija taqbel illi l-minuri Natashia Cassar m' hijiex il-wild naturali ta' zewgha l-konvenut Anthony Cassar, illi l-istess minuri m' ghandiex stat konformi ma' l-att tat-twelid taghha u li ghalhekk ikun opportun li tigi ordnata l-korrezzjoni mitluba fl-att tac-citazzjoni;

"2. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku (fol. 27) li in forza taghha eccepixxa illi:
"1. Illi fil-mertu huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluzi dawk il-provi xjentifici li jkunu opportuni, ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

"2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghas-success ta' l-azzjoni odjerna tinhtieg il-prova ta' l-impossibilita` fizika ta' koabitazzjoni bejn il-konjugi konvenuti Pauline Cassar u Anthony Cassar fil-perijodu tal-probabbli koncepiment tal-minuri;

“3. Illi jekk it-talbiet attrici jigu milqugha l-attur Marco Vella jkun irid jitnizzel bhala *“missier illegittimu”* u l-kliem *“the said”* iridu jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm fl-Att ta’ Twelid in kwistjoni;

“4. Illi l-attur Marco Vella ghandu jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu biex jekk it-talbiet attrici jigu milqugha dawn ikun jistghu jigu nseriti fl-Att ta’ Twelid in kwistjoni;

“5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta’ l-**artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

“6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m’ huwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti;

“7. Illi salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici, nominati biex jirrapprezentaw lit-tifla minuri Natashia (fol. 32) , li in forza taghha eccepew illi:
“1. Illi qabel xejn huma ma jafux bil-fatti kollha li wasslu ghal din il-kawza;

“2. Illi b’ danakollu jidher li l-kawza attrici ma tistax triegi billi separazzjoni *“de facto”* mhix bizejjed biex twassal lill-attur jimpunja l-paternita` tal-minuri Natashia Cassar;

“3. Illi bla pregudizzju ma hemmx rabta bejn il-kawzali u t-tieni talba;

“4. Illi salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-31 ta’ Mejju 2005, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:
“fuq l-ammisjoni tal-konvenuta Pauline Cassar kif jirrizulta in effetti min-nota tal-eccezzjonijiet taghha, filwaqt li tichad

l-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku u tal-kuraturi deputati in kwantu biss l-eccezzjoni taghhom huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz, u fuq prattikament ammissjoni tal-konvenut Anthony Cassar li rrimmetta ruhhu ghar-rizultati tat-testijiet xjentifici **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-minuri Natashia Cassar mhix il-wild naturali tal-konvenut Anthony Cassar kif hemm indikat fl-att tat-twelid tal-imsemmija attrici Natashia Cassar numru sebghin (70) tas-sena elfejn u erbgha (2004) izda hija t-tifla tal-attur Marco Vella;

2. Tiddikjara illi, ghal dak li jirrigwarda l-paternita` taghha, l-imsemmija minuri Natashia Cassar m'ghandhiex stat konfromi ma' l-att tat-twelid taghha numru sebghin (70) tas-sena elfejn u erbgha (2004) proprju ghaliex qatt ma' kienet mrobbija u kkonsidrata bhala bint ir-ragel ta' ommha izda dejjem trabbiet u giet mantnuta bhala bint l-attur;

*3.* Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel il-korrezzjoni opportuna fl-att tat-twelid numru sebghin (70) tas-sena elfejn u erbgha (2004) billi fit-tieni kolonna intestata *"isem u kunjom"* l-isem u kunjom ta' missier it-tarbija jitnizzel bhala *"Marco Vella"* minflok *"Anthony Cassar"* u fit-tielet kolonna intestata *"id-dokument ta' l-identita`"* jitnizzel in-numru tal-karta tal-identita tal-attur *ossia* 170671(m) u fir-raba' kolonna ntestata *"fejn"* taht il-parti *"twieldu"* titnizzel il-kelma *"Pieta, Malta"* u taht il-parti *"Joqghodu"* titnizzel bhala l-post ta' residenza tal-missier *"Birgu"* u fil-hames kolonna ntestata *"Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet"* jitnizzlu l-kliem *"Saviour Vella"* u jigi dikjarat ukoll li l-attur kellu 32 sena meta twieldet it-tarbija u tordna li jigu kkancellati l-kliem *"of the said"* mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolarijiet tal-omm, b'dan ghalhekk li l-istess minuri tigi ndikata bhala bint naturali ta' l-attur u mhux tal-konvenut Anthony Cassar.

Illi l-Qorti tordna ukoll *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata

ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16** a spejjez tal-istess attur Marco Vella u l-konvenuta Pauline Cassar.

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssopportati mill-istess attur u l-konvenuta Pauline Cassar proprju, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenuti l-ohra."

Dik il-Qorti tat id-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi din il-kawza saret sabiex it-tarbija Natashia li giet registrata bhala t-tarbija tal-konvenut Anthony Cassar tigi dikjarata li mhix bint l-istess konvenut *stante* li dan ma huwiex missierha u fil-fatt l-attur qed jitlob li l-istess tarbija tigi dikjarata li ma hijiex il-wild naturali tal-konvenut Anthony Cassar izda tieghu u tal-konvenuta Pauline Cassar bil-konsegwenti tibdil necessarju fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri Nathashia Certifikat Nru. 70/04.

"Illi jidher car li l-attur qed jipprevalixxi ruhu mill-**artikolu 77 tal-Kap 16** li jghid testwalment li:-

*"Il-legittima` ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata wkoll minn kull min ikollu nteress, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibbilta` fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha".*

"Illi ma hemm l-ebda dubju li jekk l-attur Marco Vella qed jippretendi li huwa l-missier tal-minuri huwa ghandu nteress li jaghmel din il-kawza, pero` qabel ma tigi trattata l-istess, trid tigi sorvolata d-dispozizzjoni tal-**artikolu 81 tal-Kap 16** li tipprovdi li:-

*"(1) "Hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben legittimu u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*"Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat tal-iben legittimu ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel ma' l-att tat-twelid tieghu".*

"Illi huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipprotegi l-istat ta' legittima tal-persuna, ladarba din twieldet fiz-zwieg, u ladarba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrezzjoni wkoll hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta` socjali bhala iben l-istess konjugi. Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **"Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et"** (P.A. FGC 10 ta' Mejju 1996) inghad li:-

*""Dak li jissejjah ir-'raison d'etre' ta' din id-dispozizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huwa jikkummenta dwar dispozizzjoni analoga tal-Kodici Taljan … …." "Egli ha osservato esistere nell'ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita` dal talamo a per il rispetto della fedelta` coniugale, la quale presunzione viene avvalorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. Il giuconsulti romani intesero questa presunzione e l' incarnazione della formula solenne 'pater is est quiem justae nuptiae demonstrat'. A questo principio, che non e` tanto un dettato dell'antica sapienza, quanto un postulato della stessa ragione, confortato dall' esperienza di molti secoli, si e` attentuato il legistatore patrio, e percio` nell'articolo 159, che il marito e` padre del figlio concepito durante il matrimonio" - (**Diritto Civile.** Vol. 1 para 49 pag. 76).*

"Illi in effetti l-**artikolu 67 tal-Kap 16,** (li jikkorrispondi mal-artikolu 159 tal-Kodici Taljan) jipprovdi li:

*""L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".*

“Illi fil-fatt din l-azzjoni ttentata mill-attur hija wahda minn tliet azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakkata l-legittimita` ta’ l-ulied u cjoe`:-

“(1) L-azzjoni ta’ diskonoxximent jew ta’ denegata paternita` abbazi tal-**artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassattivament fis-**subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-prezunzjoni “pater est quae iustiae demonstrat”, u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta’ l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**artikolu 73 tal-Kap 16.**

“(2) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel ai termini tal-**artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta’ iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabiliti fl-**artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

"Illi a propozitu ta’ din l-azzjoni inghad fil-kawza **“Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et”** (A.C. 14 ta’ Jannar 1952) li:-

*““Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta’ paternita` hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi;*

*““It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta’ stat konformi ma’ l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta’ dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra interessati, konsistenti f’illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibbilta` fizika ta’ koabitazzjoni tal-prezenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza”.*

*““Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta’ l-azzjoni ta’ ricerka tal-paternita` tieghu bil-fatt li dik l-impossibbilta` fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi*

*tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu".*

"Illi f'kaz maghmul abbazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. (AJM) 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu l-possibilta` li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita` tal-missier naturali tal-istess attur".*

"(3) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita` ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu nteress, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibbilta` li jghammar ma' martu minhabba li kien 'il boghod minnha".*

"Illi din l-ahhar azzjoni msemmija ta' mpunjazzjoni ta' legittimita` hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm, l-missier naturali tat-tarbija u lil l-istess minuri peress li hija disponibbli ghal min ghandu nteress, inkluz ghalhekk il-persuna li tallega li hija missier it-tifel, f'dan il-kaz il-missier u attur odjern.

"Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita` lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita` jew anke' ghall-kontestatazzjoni tal-legittimita`.

"Illi pero` fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni abbazi tal-**artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jista' jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

"Illi fi kliem iehor l-azzjoni ttentata skond **l-artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok abbazi ta' iben jew

bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

"Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond **l-artikolu 80** stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu*.*

"L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-

*"(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*"(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita` haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah;*

*"(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*"(d) Illi huwa ikun maghruf bhala tali mill-familja".*

"Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (PA. (RCP) 26 ta' Jannar 2000) **"Saviour Micallef noe et vs Direttur tar-Registru Pubbliku et**" (P.A. (RCP) 27 ta' Gunju 2002) li skond il-provvedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, huwa biss jekk ikun hemm "*nuqqas ta' att ta' twelid jew tal-pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-artikolu 80 tal-Kap 16) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

"Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**artikoli 81** mal-**artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**artikolu 77** dwar l-impossibilta` fizika, hija wkoll kundizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

"Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. RCP 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'referenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna ndikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss mal-attur".*

"Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, **hadd** ma jista' jattakka dan l-istat abbazi tal-**artikolu 77** anke` jekk tigi ppruvata l-impossibilta` fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie wkoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:-

*""Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid jew ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

"Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati fis-sentenzi **"Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (P.A. RCP deciza fl-1 ta' Marzu 2001 Cit Nru: 1841/98/RCP); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit Nru. 190/97/RCP, **"Anthony Sant vs John Cutajar et"** (P.A. RCP 10 ta' Novembru 1999); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** (P.A. RCP deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit Nru: 190/97/RCP); "**Natalino Scerri vs Giovanni Minafo`"** (P.A. RCP deciza fl-14 ta' April 2000 – Cit Nru 1919/98/RCP) u "**Domenic Briffa vs Therese Fenech et"** (P.A. (RCP) deciza 30 ta' Mejju, 2002 - Cit Nru 1916/00/RCP) u hafna ohrajn.

“Illi dwar l-interpretazzjoni tal-**artikolu 77** u dwar il-kuncett ta’ “impossibilta` fizika” hemm indikata, wiehed jirreferi ghas-sentenza **“Ronald Bray vs Charmaine Bray et”** (N.A. 19 ta’ Novembru 1997) fejn inghad li *“l-impossibilta` fizika li ghaliha hemm referenza ghandha tkun wahda li setghet taffetwa b’xi mod il-koncepiment tat-tarbija”.* **(“Noelle Spiteri vs Ernest Cilia”).**

**“i) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.**

“Illi mill-provi prodotti jirrizulta indubbiament li l-istess wild huwa frott ir-relazzjoni li kien hemm bejn l-attur Marco Vella u l-konvenuta Pauline Cassar u il-koncepiment ta’ l-istess sehh fi zmien meta l-istess konvenuta kienet separata *de facto* minn mal-konvenut zewgha Anthony Cassar. Fil-fatt il-konvenuti ghandhom kawza pendenti quddiem din il-Qorti li gib ic-Cit. Nru. 289/02. Illi dan huwa kkorborat mill-fatt li l-konvenuta kkonfermat anke fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha li ilha tikkoabita mal-attur Marco Vella minn Settembru 2001, filwaqt il-minuri Natashia twieldet fit-23 ta’ Dicembru 2003. Illi fil-fatt jirrizulta li l-konjugi kien ilhom snin separati *de facto.*

“Illi f’din il-kawza fil-21 ta’ Mejju 2004, l-attur Marco Vella u l-konvenuta Pauline Cassar talbu biex issiru d-*DNA tests* fuq il-minuri Natashia Cassar biex tigi stabilita` l-paternita` taghha. Minn tali DNA tests li saru minn Dr. Renald Blundell irrizulta li Marco Vella ma jistax jigi eskluz bhala l-missier biologiku tal-minuri Natashia, u l-probabilita` li hu missierha hija ta’ 99.9996 fil-mija.

“Illi jirrizulta wkoll li l-istess minuri qatt ma kellha stat ta’ bint legittima tal-konvenut izda dejjem kienet u ghadha kkunsidrata bhala bint l-attur Marco Vella u mrobbija u mantnuta minnu flimkien ma’ ommha.

“Illi ghalhekk bla ebda dubju t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha *stante* li mill-provi jirrizulta konkludentement li l-minuri Natashia li twieled fit-23 ta’ Dicembru 2003 hija bint naturali tal-attur Marco Vella bin-numru tal-karta tal-

identita` 170671(M) u mhux tal-konvenut Anthony Cassar."

Rat ir-rikors ta' l-appellipprezentat mill-kuraturi Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici a nom tal-minuri;

Rat ir-risposti ta' l-appell ipprezentati mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, minn Marco Vella u minn Pauline Cassar;

Rat id-dokumenti u l-attti kollha tal-kawza;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Fl-ewwel lok, din il-Qorti sejra tiddisponi mill-pregjudizzjali sollevata mill-kuratur deputat fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2007, fis-sens li l-konvenut Anthony Cassar ma jirrizultax li qatt gie notifikat bl-att tac-citazzjoni quddiem l-ewwel Qorti. Filwaqt li hu minnu li, mill-attti, ma tirrizultax riferta b'referenza ghan-notifika li kellha ssir fil-konfront ta' dan il-konvenut, jirrizulta pero`, li fis-seduta tal-14 ta' April 2005, quddiem l-ewwel Qorti, kien registrat li "dehru l-konvenuti Cassar", li jfisser li l-konvenut Anthony Cassar deher f'dik l-udjenza, u la ma oggezzjonax ghall-prosegwiment tal-kawza, ikun ta ruhu notifikat bl-istess u rriznunzja ghal kull terminu. Din il-Qorti, kwidni, ma tarax li hemm lok ghal xi provediment fir-rigward.

Dwar il-meritu, il-Qorti tinnota li din hi kawza fejn l-attur, li kellu relazzjoni intima mal-konvenuta Pauline Cassar, qed jitlob dikjarazzjoni li t-tarbija li twieldet fit-23 ta' Dicembru 2003, mill-istess Pauline Cassar, hija bintu, u mhux bint ir-ragel ta' Pauline Cassar, il-konvenut Anthony Cassar. Mill-provi jirrizulta mhux biss li omm it-tarbija, Pauline Cassar, tammetti li l-minuri Natashia twieldet minn relazzjoni li kellha ma' l-attur, izda wkoll li mit-testijiet ta' paternita` li saru mill-espert mediku mahtur mill-ewwel Qorti, il-probabilita` li l-attur hu l-missier naturali tal-minuri hu ta' 99.9996%. Jirrizulta wkoll li omm it-tarbija u

zewgha huma separati legalment u l-istess omm u l-attur ilhom jikkoabitaw sa minn Settembru 2001.

Fid-dawl ta’ dawn ir-rizultanzi, l-ewwel Qorti laqghet it-talbiet attrici u ddikjarat mhux biss li l-minuri Natashia mhix bint il-konvenut Anthony Cassar, imma wkoll li hi l-wild naturali ta’ l-attur.

Kontra din is-sentenza appellaw il-kuraturi deputati u ressqu diversi aggravji partikolarment:
(i) li l-attur, bhala l-allegat missier naturali tal-minuri, ma ppruvax dak li hu rikjest bil-ligi biex hu jirnexxi f’azzjoni ta’ denegata paternita`;

(ii) li l-attur, bhala l-allegat missier naturali, ma jistax jagixxi gudizzjarjament biex jitlob dikjarazzjoni tal-paternita` tieghu.

Issa, qabel ma jigi kkunsidrat l-aggravju tal-kuraturi deputati, tajjeb li wiehed jiftakar illi: “*... l-Kodici Civili taghna jikkontempla tliet xorta ta’ azzjonijiet fuq il-filjazzjoni naturali: wahda hija dik ta’ denegata paternita`, li l-ligi taghti biss lir-ragel ta’ omm it-tifel, u fil-kaz kontemplat fl-Art. 87 (illum 74) testendiha lill-werrieta tieghu (Art. 84, 85, 86 u 87); it-tieni hi dik ta’ impunjazzjoni tal-legittimita` tat-tifel kontemplata fl-Art. 89 u 90 (illum 76 u 77) li hi moghtija b’mod generali lil kull min ikollu interess; u t-tielet hija dik ta’ tfittxija u reklam ta’ paternita` kontemplata fis-subtitolu II tat-Titolu II ta’ l-Ewwel Ktieb tal-Kodici, li hi moghtija biss lit-tifel u estiza lill-werrieta u dixxendenti tieghu fil-kaz biss kontemplat fl-Artikolu 98 (illum 85).*” (**Antonio Scerri Gauci v. Dottor Giovanni Scicluna LL.D. noe et** Qorti ta’ l-Appell 14 ta’ Jannar 1952, Xol. XXXVI.i.1; ara wkoll **Carmen Zammit et v. Wail Dadouch** Qorti ta’ l-Appell 19 ta’ April 2005).

Mill-premess isegwi li l-missier naturali ta’ tarbija ma ghandux azzjoni ta’ reklam ta’ paternita`, filwaqt li, bhala persuna altament interessata, ghandu azzjoni biex jimpunja l-legittimita` ta’ tifel a bazi ta’ dak li hu provdut fl-Artikoli 76 u 77 tal-Kodici Civili. Dawn l-artikoli jaghtu dritt lil kull persuna interessata, bhall-attur, jimpunja l-istat ta’

legittimita` ta' tifel meta l-omm u zewgha kienu fl-"impossibilita` fizika" li jkollhom relazzjoni intima fiz-zmien qarib il-koncepiment.

Dan l-artikolu 77 jippreskrivi illi: *"Il-filjazzjoni ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess jekk jipprova illi fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibilita` fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien boghod minnha."*

Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Magro v. Magro**, deciza fit-13 ta' Gunju 2005,
"Ghandu fl-ewwel lok jigi osservat illi jidher li dana l-Artikolu 77 ma jsib ebda riskontru f'kodicijiet li fuqhom kien mudellat il-kodici taghna. Dan id-dritt ta' azzjoni lil kull terz interessat moghti fl-Artikolu 77 jirrispekkja b'differenza wahda id-dispost fl-Artikolu 70(1)(a) – cioe` wahda mill-ipotesijiet meta r-ragel ta' l-omm ghandu d-dritt li jistitwixxi kawza ta' denegata paternita`, u cioe` *"jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, hu kien fl-impossibbiltà fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien boghod minnha, <u>jew minhabba xi accident iehor</u>"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Wiehed jinnota li l-frazi *"jew minhabba xi accident iehor"* fl-Artikolu 70(1)(a) ma gietx riprodotta fl-Artikolu 77 tal-Kodici Civili. Apparti din id-differenza, id-dritt ta' azzjoni moghti lit-terz interessat fl-Artikolu 77 u d-dritt ta' azzjoni moghti lir-ragel ta' l-omm fl-Artikolu 70(1)(a) huma fis-sustanza identici, u salv dejjem il-kwistjoni taz-zmien li fih tista' tigi inizjata l-azzjoni skond l-Artikolu 73.

"Fis-sentenza **Grazio Mallia v. Avukat Dr. Joseph Cassar Galea et noe** deciza fl-20 ta' Ottubru 1951 (Vol.XXXV(B)-II-491), il-Prim Awla tal-Qorti Civili qalet hekk fil-konfront ta' l-Artikolu 70(1)(a) (allura 83(a)): *"Fil-verita`, il-kaz mahsub fl-art. 83(a) tal-Kodici imsemmi ma jaghmilx ghall-kaz in dizamina, il-ghaliex l-attur, ghalkemm, jigi ammess ipotetikament, kien separat 'di fatto' minn martu fil-perjodu imsemmi fil-ligi, ma kienx fil-fatt fl-impossibilita` fizika li jghammar ma' martu, fis-sens li dik l-impossibilita` giet interpretata, u cioe` impossibilita`*

*fizika, materjali u assoluta, li minnha titnissel ic-certezza li kien affattu impossibili ghalih li jiltaqa' ma' martu (ara Marcade u Pont, Spiegazione Teorico-Pratica del Codice Napoleone, Vol. III pag. 9, kumment ghall-art. 312, bin-Noti ta' C. Golia, Napoli 1872). Mhux ozjuz li jinghad li dina hija l-interpretazzjoni l-aktar korretta, kif jidher min-Noti ta' Sir Adrian Dingli ghall-art. 83 ta' l-Ordinanza I ta' l-1878, fejn jinghad li dak il-legislatur fit-test li allura kien imnissel bl-ilsien taljan, kien ghazel il-kelma "lontananza", li stralcja mill-art. 77 tal-Kodici Civili ta' Parma, flok il-kelma "allontanamento" ta' l-art. 162 tal-Kodici Civili Taljan, u "assenza" ta' l-art. 312 tal-Kodici Civili Franciz; u liema kelma "lontananza" (ta' l-art. 77 tal-Kodici Civili Parmensi), kif kellha okkazjoni tirriskontra din il-Qorti fil-Gurisprudenza Taljana, giet dejjem interpretata bhala impossibilita` fizika, assoluta u materjali, u mhux biss semplici impossibilita` morali, kif jidher mis-sentenza tal-Kassazzjoni ta' Torin tal-31 ta' Dicembru 1885 in re Calcagnini Estense kontra Licelli, publikata fil-Foro Italiano ta' Ruma, fil-Vol. Annu 1877-I-220."*

"Ladarba din il-parti tad-disposizzjoni ta' l-Artikolu 70(1)(a) hija fis-sustanza identika ghal dik ta' l-Artikolu 77, din il-Qorti hi tal-fehma illi logikament l-istess interpretazzjoni ristrettiva ghandha wkoll tinghata lill-Artikolu 77. Fis-sentenza **Scerri Gauci v. Scicluna** surriferita, il-Qorti ta' l-Appell osservat fil-konfront ta' l-Artikolu 77 illi *"...in-nies l-ohrajn interessati ghandhom biss azzjoni fil-kaz ta' impossibilita` ta' koabitazzjoni tal-prezunti genituri minhabba l-lontanza, li fil-gurisprudenza giet interpretata bhala assenza mill-Gzira tar-ragel ta' omm it-tifel."* Ghalkemm is-safar huwa l-iktar ezempju ovvju ta' *"impossibilita` fizika",* din il-Qorti ma hix tal-fehma li dan huwa l-unika kaz fejn jista' jkun hemm impossibilita` fizika, bhal per ezempju meta r-ragel ta' l-omm ikun il-habs jew rikoverat go sptar. Ghalhekk l-interpretazzjoni korretta li ghandha tigi moghtija lill-Artikolu 77 hija dik li nghatat fis-sentenza **Mallia v. Cassar Galea**, gia kkwotata, fil-konfront ta' l-Artikolu 70(1)(a), u cioe *"impossibilita` fizika, assoluta u materjali, u mhux biss semplici impossibilita` morali."*

"Kif inhuwa risaput l-Att XXI ta' l-1993 emenda d-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kodici Civili fis-sens illi estenda d-dritt tar-ragel ta' l-omm li jichad il-paternita` tat-tifel mhux biss f'kaz ta' impossibilita` fizika, izda wkoll *inter alia* f'kaz li jipprova illi fiz-zmien rilevanti, cioe` fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, huwa kien mifrud *de facto* minn ma' martu (ara Artikolu 70(1)(b) tal-Kodici Civili – l-Artikolu 70(b) kif kien qabel din l-emenda kien jikkontempla biss is-separazzjoni legali). Pero` l-istess Att XXI ta' l-1993 emenda limitatament l-Artikolu 77 fis-sens li ssostitwixxa biss in-nota marginali tieghu. Fil-waqt li qabel l-emendi n-nota marginali kienet taqra *"min jista' jattakka l-paternita ta' tifel"* issa giet taqra *"impossibilita` fizika ta' ragel li jghammar ma' martu."* Pero` l-Att XXI ta' l-1993 bl-ebda mod ma biddel il-kontenut innifsu ta' l-Artikolu 77.

"Ghalhekk wara l-emendi ta' l-1993 ir-ragel ta' l-omm jista' jichad it-tifel kemm *inter alia* f'kaz ta' impossibilta` fizika kif ukoll f'kaz ta' separazzjoni *de facto*, fil-waqt li t-terz interessat jista' biss jimpunja l-legittimita` f'kaz ta' impossibilita` fizika (apparti dak li jiddisponi l-Artikolu 76 li ma hux rilevanti ghall-kaz odjern). Dan iwassal ghall-konkluzjoni illi ghalkemm fl-1993 il-legislatur introduca disposizzjonijiet iktar liberali fl-azzjoni ta' denegata paternita` moghtija lir-ragel ta' l-omm, huwa deliberatament ma riedx ikun progressiv fil-kaz ta' l-azzjoni ta' impunjazzjoni ta' legittimita` moghtija lil kull terz interessat fl-Artikolu 77.

"Huwa vera li l-Att XXI ta' l-1993 formalment irrikonoxxa l-importanza bhala prova tat-testijiet xjentifici u genetici, u din il-prova giet ammessa b'mod partikolari fl-Artikolu 70(3) – cioe` fil-kuntest ta' azzjoni ta' denegata paternita` moghtija lir-ragel ta' l-omm – u fl-Artikolu 100A tal-Kodici Civili li jirreferi ghal talba gudizzjarja ghal dikjarazzjoni ta' paternita` istitwita minn tifel imwieled barra miz-zwieg. Fil-fatt l-Artikolu 70(3) introdott fl-1993 jiddisponi illi: *"Il-qorti tista', f'kawza ghac-cahda ta' l-gharfien tat-tarbija, tistieden lill-partijiet kollha jew xi wahda minnhom, kif ukoll lill-wild li l-filjazzjoni tieghu tkun fid-dubju, sabiex joqoghdu ghall-ezamijiet mehtiega biex tigi stabbilita kull prova*

*genetika li jkollha x'taqsam mal-kaz. Il-qorti jkollha l-jedd li tasal ghal dawk il-konkluzjonijiet li jistghu jkunu gustifikati jekk parti ma tkunx trid taghmel dawk l-ezamijiet. Meta t-tifel li dwar il-filjazzjoni tieghu jkun hemm kwistjoni jkun minuri, il-qorti stess ghandha tistabbilixxi jekk it-tifel jaghmilx l-ezamijiet."* Fil-waqt li l-Artikolu 100A wkoll introdott fl-1993 jistipula illi: *"F'kawzi li ghalihom jaghmel riferenza l-artikolu ta' qabel dan* (cioe` azzjonijiet ta' dikjarazzjonijiet ta' paternita` minn tfal imwielda barra z-zwieg)*, il-qorti tista', bla pregudizzju ghal kull prova li jistghu jgibu l-partijiet skond il-ligi, tistieden lill-partijiet biex jissottomettu ghal ezamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70(3), u bl-istess mod u fl-istess cirkostanzi tkun tista', f'kaz ta' rifjut, tasal ghal dawk il-konkluzjonijiet kif imsemmija fl-istess subartikolu."*

"Apparti l-fatt li ma nsibu l-ebda disposizzjoni analoga ghal dik ta' l-Artikolu 100A fil-kuntest ta' l-azzjoni ta' impunjazzjoni ta' filjazzjoni taht l-Artikolu 77, ma hemmx dubju minn qari tad-disposizzjonijiet kollha rilevanti illi l-legislatur ma riedx li l-prova genetika wahedha tkun sufficjenti biex teskludi l-paternita`, minghajr il-htiega li jigu wkoll ippruvati r-rekwiziti l-ohra kollha rikjesti mil-ligi. Kieku din kienet ir-rieda tal-legislatur dan kien jghidu espressament. Minflok il-legislatur ghazel li t-testijiet genetici ikunu rikonoxxuti biss bhala prova – forsi anki wahda mill-iktar provi importanti – flimkien mal-provi l-ohra prodotti biex jissustanzjaw l-elementi l-ohra ta' wahda jew iktar mill-ipotesijiet kontemplati mil-ligi. Fi kliem iehor, il-legislatur ma riedx li l-prova genetika wehidha tkun sufficjenti biex tipprevali fuq il-prezunzjoni legali li *pater is est quem justae nuptiae demonstrant.* Din il-Qorti hi tal-fehma li l-interpretazzjoni wiesgha u liberali li xi mindaqqiet kienet qed tinghata recentement (l-aktar f'sentenzi tal-Prim Awla li ma gewx appellati) lill-frazi *"impossibilita` fizika"* , inkluza dik li minnha gie intavolat l-appell odjern, kienet ispirata minn sens ta' ekwita` u sabiex tigi offruta soluzzjoni fid-dawl tat-tibdil tal-hsieb socjali f'dan il-qasam. Pero` din il-Qorti kif illum komposta taqbel perfettament ma' dak li nghad fil-kaz **Paul Bugeja v. George Portelli** deciza minn din il-Qorti diversament

komposta[1] fit-28 ta’ Frar 1997 (Vol-LXXXI-II-367) f’kawza li kienet ukoll tikkoncerna l-paternita`:

““F’din is-sede m’humiex konsentiti interpretazzjonijiet azzardati jew originali li jmorru lill’hinn minn dak li l-Kodici Civili jipprovdi kemm fir-rigward tal-kelma kif ukoll l-ispirtu tal-provvedimenti tieghu…(L)-ebda Qorti ma ghandha l-liberta` li tiddelibera fuq materja ta’ paternita` b’xi sens ta’ ekwita` jew anke gustizzja li jmur oltre dak li l-ligi strettament tipprovdi. L-interess suprem tal-minuri hu dak li l-ligi tigi strettament u skrupulozament applikata ghax hekk biss tigi assigurata c-certezza ta’ l-istat civili tieghu.””

Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet ma kienx bizzejjed ghall-attur li jgib il-prova genetika li t-tifla minuri *de quo* ma hijiex bint il-konvenut Anthony Cassar, ghax xorta kellu jipprova sal-grad rikjest f’kawza civili, li dan il-konvenut kien fl-impossibbilita` fizika li jghammar ma’ martu kif kontemplat fl-Artikolu 77, fis-sens li dik l-impossibilita` giet interpretata fil-kazistika u fid-duttrina. Mill-provi prodotti jidher li l-konjugi Cassar ilhom mifrudin *de facto* minn Settembru 2001, u s-separazzjoni personali legali taghhom giet determinata b’sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tat-30 ta’ Marzu, 2006. Din is-separazzjoni setghet se mai tikkostitiwixxi ghalihom impossibilita` morali li jkollhom relazzjonijiet sesswali, pero`, mill-provi prodotti ma jirrizultax illi l-konvenut Anthony Cassar kien fl-<u>impossibilita`</u> fizika, assoluta u materjali, li jghammar ma’ martu, kif fuq spjegat.

L-appellati ghamlu riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Kroon and others v. The Netherlands** deciza fis-27 ta’ Ottubru 1994, fejn fost affarijiet ohra inqal illi:
“respect for ‘family life’ requires that biological and social reality prevail over a legal presumption which, as in the present case, flies in the face of both established fact and the wishes of those concerned without actually benefiting anyone.”

---

[1] S.T.O. Prim Imhallef Joseph Said Pullicino, Onor. Imhallef Carmel A. Agius u Onor. Imhallef Joseph D. Camilleri.

Issa apparti l-fatt li c-cirkostanzi f'dik il-kawza mhumiex identici ghac-cirkostanzi li huwa l-meritu ta' din il-kawza, jibqa' l-fatt li fil-ligi jezistu diversi rimedji biex tigi impunjata l-legittimita` ta' tarbija, u l-fatt li l-azzjoni maghzula ma gietx ippruvata sal-grad li trid il-ligi, ma jfissirx necessarjament li tezisti xi diskriminazzjoni kontra l-attur. Il-ligi wkoll tipprovdi diversi metodi, mhux kollha gudizzjarji, ta' rikonoxximent ta' tarbija, u mhix "impossibbli" fil-ligi taghna li l-legittimita` ta' tarbija tigi kontestata, u l-paternita` taghha assunta minn persuna ohra.  Kwindi, din il-Qorti ma tarax li dik id-decizjoni ghandha rilevanza ghall-meritu ta' din il-kawza, mehud in konsiderazzjoni wkoll li din il-kawza mhix wahda ta' indoli kostituzzjonali jew fejn qed jigi allegat xi ksur tad-drittijiet tal-bniedem, u l-kompitu ta' din il-Qorti hu, ghalhekk, biex tinterpreta u tapplika l-ligi kif inhi.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell u konsegwentement tirrevoka u thassar is-sentenza appellata, u tichad it-talbiet kollha ta' l-attur.  Fic-cirkostanzi l-ispejjez kollha, kemm ta' l-ewwel kif ukoll ta' din l-istanza, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------